MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 36

22 ta' Frar 2022

Minuti tas-seduta Nru. 36 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 22 ta' Frar 2022 fis-6.00 pm.

## Kondoljanzi

Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna għall-mewt ta' Joe Borg li grat fit-8 ta' Frar 2022. Huwa aċċenna li Joe Borg kien l-ewwel Sindku tal-Mellieħa bejn Diċembru 1993 sa Marzu 1996. Serva wkoll f'din il-kariga bejn April 1999 u Marzu 2002. Bħala kunsillier serva wkoll bejn April 1996 u Marzu 1999, kif ukoll bejn April 2002 u Marzu 2008. Huwa ppropona wkoll minuta silenzju.

Il-Kunsillier M. Abela ssekonda l-proposta.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament, jew b'mod virwali. Il-Kunsillieri I. Castillo, R. Bartolo Cutajar, u E. Bartolo kienu qed jipparteċipaw b'mod virtwali.

Il-Kunsillier G. Micallef talab jiġi skużat permezz ta' imejl datat 22 ta' Frar 2022, minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsill aċċetta l-ġustifikazzjoni mogħtija.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 35, li saret fis-17 ta' Jannar 2022, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt)

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Operat tal-Mellieħa Scout Group (S/6/Vol IV)(G/1)

2.1.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg rrefera għall-minuta 3.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-i*statement* dwar il-ħlas tal-kirja fir-rigward tal-kwartieri tal-Mellieħa Scout Group ġie mgħoddi lill-bord ta' SportMalta sabiex jiġi diskuss dwar jekk tistax tingħata għajnuna fid-dawl tal-pandemija Covid-19.

2.1.3. Il-Kunsill assenja lill-Kunsillier K. Buttigieg sabiex jieħu ħsieb il-kuntatti meħtieġa.

### 2.2.1. Użu tal-Librerija Pubblika (L/4/Vol III)

2.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.14.1. tas-seduta ta' qabel u appellat sabiex it-tindif tal-librerija, nkluż l-għamara, isir mill-inqas darbtejn fix-xahar.

2.2.3. Ittieħdet nota tal-proposta sabiex tiġi mplimentata.

### 2.3.1. Aċċess għal parti ta' ġewwa ta' Triq l-Għar u Casa / il-Barkazza (T/4/7/Vol III)

2.3.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 5.6.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li saret laqgħa mal-perit assenjat minn Infrastructure Malta dwar il-livellar ta' Triq l-Għar u Casa u Triq il-Barkazza. Fl-istess laqgħa ġew diskussi l-problemi tal-livelli li qed ixekklu l-aċċess għall-garaxx ta' fond partikulari. Intant ix-xogħol inbeda u mistenni jintemm fil-jumejn li ġejjin.

2.3.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li l-perit konċernat iltaqa' ma' sid il-fond in kwistjoni u nstab kompromess bejn il-partijiet kollha, billi t-triq tbaxxiet b'madwar 0.5 metru. Huwa kompla jgħid li l-meta jsiru applikazzjonijiet għat-tħaffir ta' trinek f'dawn it-toroq għandha ssir kundizzjoni sabiex ir-*reinstatement* tagħha jsir bil-*lean mix* u l-konkos.

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.1. Ma kienx hemm mistoqsijiet

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 17/02/22;
- Skeda ta' Pagamenti – 15/01/22 – 17/02/22;
- Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* – 01/01/22 – 15/02/22;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti – Bord tal-Park tal-Majjistral – 20/12/21; u
- Stqarrijiet Finanzjarji – 2021.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Ambjent Malta *Local Council Urban Green Scheme* (F/1/7/Vol VI)

5.1.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li Ambjent Malta nedew skema li tipprovdi għall-proġetti li jistgħu jitwettqu mill-Kunsilli Lokali li jinvolvu:

- Inizjattivi mmirati biex ibiddlu ċ-ċentri tal-bliet f'żoni pedonali ħodor, iż-żieda ta' korsiji ħodor fit-toroq ewlenin;
- Ġonna fuq il-bjut fil-każ ta' bini pubbliku;
- Ħolqien ta' pajsaġġ ġdid jew ġonna naturali;

- Tħaddir orizzontali u/jew veġitazzjoni li tipprovdi valur ekoloġiku u ħabitat, li minnha nfisha tnaqqas it-telf ta' ilma tax-xita, tnaqqas ta' tniġġis, u kontibut għat-tneħħija tal-karbonju, bdil ta' infrastruttura griża ma' infrastruttura ħadra u blu, inkluż soluzzjonijiet naturali;

- Sistemi ta' Drenaġġ Sostenibbli (SuDS); u

- Teknoloġiji mmirati lejn it-titjib fl-użu tal-enerġija f'bini pubbliku li jibbenefika minn l-ambjent.

5.1.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fil-11 ta' Frar 2022 saret laqgħa fil-Park tal-Familja u fi Ġnien Dun Anton Debono, li attendew għaliha s-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillieria R. Bartolo Cutajar, il-Perit Alessia Deguara, u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

5.1.4. Fl-istess laqgħa ġiet diskussa l-possibiltà li l-applikazzjoni taħt din l-iskema tkun tirrifletti l-policy tal-Kunsill fil-proposti li jsiru għall-finanzjament, li jinkludu: (a) l-introduzzjoni ta' sistema ta' irrigazzjoni fil-Park tal-Familja u fi Ġnien Dun Anton Debono; u (b) it-tibdil ta' parti minn Triq Ġuże Flores f'żona pedonali sabiex ikun hemm aktar sikura għat-tfal u għall-persuni li jiffrekwentaw dawn iż-żewġ postijiet.

5.1.5. Ġie spjegat ukoll li kienet diskussa l-possibiltà li jsiru tliet gazebos tal-injam – tnejn fil-park u waħda fi Ġnien Dun Anton Debono – kif ukoll jiżdied in-numru ta' pannelli solari fl-istess ġnien.

5.1.6. Il-Kunsill approva s-sottomissjoni tal-applikazzjoni bil-proposti msemmija.

5.2.1. **Memorja tal-ex-Sindku Joe Borg** **(T/4/1/Vol III)(M/9)**

5.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv aċċenna għal imejl datat 17 ta' Frar 2022 mibgħuta mill-Onor. R. Cutajar, fejn għarraf li għandu l-kunsens mill-familjari tal-eks Sindku tal-Mellieħa, Joe Borg, sabiex itella' serata biex tiġi mfakkra l-memorja tiegħu. Għaldaqstant ser tittella' serata nhar il-Ħadd 20 ta' Marzu, 2022, li ser tkun taħt il-patroċinju tal-E.T. il-President ta' Malta George Vella. Huwa stieden il-membri kollha tal-Kunsill sabiex jattendu għaliha. Fl-istess korrispondenza, l-Onor. Cutajar ippropona li:

(a) li tissemma triq, wesgħa, jew ġnien għal Joe Borg, bħala l-ewwel Sindku li kellha l-lokalità; u

(b) li jsir mafkar u/jew bust li jfakkar il-ħidma tiegħu.

5.2.3. Permezz ta' imejl bl-istess data l-Kunsillier I. Castillo ssekonda l-proposti tal-Onor. R. Cutajar, kif ukoll issuġerixxa li l-ħarġa li jmiss ta' "Mill-Qiegħa" tkun dedikata għall-memorja ta' Joe Borg.

5.2.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ippropona li dan is-suġġett għandu jitpoġġa fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss.

5.2.5. Il-Kunsill innota l-korrispondenza msemmija, kif ukoll laqa' is-suġġeriment skont il-minuta 5.2.4.

**5.3.1. Użu ta' faċilitajiet fil-Park tal-Familja** **(S/4/1/5)**

5.3.2. Saret referenza għall-imejl datat 31 ta' Jannar 2022, fejn is-Selmun Sports Club, appella lill-Kunsill jikkonċedi l-użu ta' xi faċilitajiet fid-*dressing rooms* tal-Park għal dixxiplini sportivi differenti. L-ewwel fosthom ser ikunu *Functional Fitness* u *Olympic Weightlifting*, li kienu diġà kienu jiġu pprattikati f'waħda mill-kmamar. Il-klabb qed f'taħditiet biex jidħlu f'żewġ dixxiplini sportivi oħra, bħalma huwa l-judo u sports akwatiku.

5.3.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fit-8 ta' Frar 2021 saret laqgħa mal-kumitat tal-klabb li għaliha attendew is-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Butigieg, il-Kunsillier K. Buttigieg, u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

5.3.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ddikjarat li ma kinitx ser tieħu sehem fid-diskussjoni, minħabba parentela ma' membri tal-kumitat tas-Selmun Sports Club.

5.3.5. Il-Kunsillier K. Buttigieg aċċenna li aktar 'il quddiem il-klabb jista' jitlob li jkollu aċċess għad-*dressing rooms* barra mill-ħinijiet li jkun preżenti l-kustodju tal-Park. Għaldaqstant ġie diskuss li l-Kunsill jingħata lista ta' persuni, li jiġu għaċ-ċwievet kull darba li jkunu jeħtieġu dan it-tip ta' aċċess, li jiffirmaw għalihom fuq *envelope* meta jirritornawhom fil-kaxxa tal-ittri fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

5.3.6. Il-Kunsill approva l-arranġament skont il-minuta 5.3.5. aktar 'il fuq.

## 5.4.1. PA 2943/19 – Żvilupp mill-ġdid tal-lukanda Ramla Bay (P/5/8/R)

5.4.2. Saret referenza għall-applikazzjoni msemmija li tinvolvi twaqqigħ tal-lukanda eżistenti, skavar u bini ta' lukanda ġdida tal-Klassi 3B ta' 400 kamra, Klassi 3C Gym, ċentru tal-għadis tal-klassi 3D u faċilitajiet tal-isports akwatiku, ħwienet tal-Klassi 4B, bars tal-Klassi 4D, ristoranti tal-Klassi 4D u faċilitajiet anċillari fuq ġewwa u barra, pixxina, parkeġġ flimkien ma' swali għal diversi użi.

5.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono fakkar li l-Kunsill kien diġa ddiskuta din l-iżvilupp biex tfasslu t-termini ta' referenza dwar l-istudju tal-impatt ambjenti, kif ukoll meta ġie ppubblikat l-istess studju. Huwa fakkar li f'dak l-istadju, kienet saret rappreżentazzjoni mal-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent dwar il-fatturi li ġejjin:

(a) L-impatt viżiv li jirriżulta billi l-*floor area* ser jikber bi 30.105% meta mqabbel mal-medda eżistenti. Dan huwa propost li jintlaħaq permezz ta' blokka għolja tmien sulari 'l fuq mil-livell tat-triq;

(b) L-impatt tat-traffiku li jirriżulta biż-żieda ta' 31% fil-kmamar (120) żgur jaffettwa l-preżenza ta' vetturi u d-domanda għall-parkeġġ. L-EIA għandha tidħol f'miżuri mmirati sabiex inaqqsu l-effetti li ser iġib aktar traffiku fiż-żona;

(c) Issir evalwazzjoni ekoloġika u tal-patrimonju storiku, fid-dawl tal-beni eżistenti li saret referenza għalihom fil-PDS;

(d) Il-PDS jirreferi għall-iskavar ta' art diġa disturbata li tinsab eżatt barra d-daħla tal-lukanda eżistenti, iżda ma jgħidx jekk din hijiex art pubblika jew privata. Il-Kunsill kien ippropona li l-EIA għandu jagħmilha ċara jekk huwiex ser ikun possibbli li l-pubbliku in ġenerali jagħmel użu mill-parkeġġ, anke jekk ma' jkunx klijent tal-lukanda;

(e) L-EIA għandu jittratta kwistjonijiet marbuta mat-tibdil fil-klima, u għaldaqstant għandu jieħu in konsiderazzjoni:

   (i.) Studji ikkummissjonati mill-Bord Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima rigward il-livell tal-baħar, kif dan ser jiżdied sa l-aħħar ta 'dan is-seklu; u

   (ii.) Miżuri li jittrattaw l-effetti tal-bidla fil-klima; u

(f) Miżuri dwar it-tnaqqis ta' emissjonijiet tal-karbonju permezz tal-użu ta' enerġija rinnovabbli bħalma huwa r-riħ u l-enerġija mix-xemx; u

(g) Purifikazzjoni tal-ilma baħar fuq il-post għal skopijiet ta 'sanitarji.

5.4.4. Il-Kunsill qabel li m'għandux aktar punti x'irressaq dwar dan l-iżvilupp.

**5.5.1. Arranġamenti tat-traffiku fi Triq il-Pitirross** **(T/3/2/Vol XVI)**

5.5.2. Saret referenza għal imejl datat 14 ta' Frar 2022 fejn residenta appellat sabiex titneħħa *parking bay*, peress li qed ixekklu l-aċċess minn, u għal garaxx f'Nru. 4, Triq il-Pitirross.

5.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-*parking bay* in kwistjoni għandha tibqa' sakemm it-truf tagħha, fuq iż-żewġ naħat, mhumiex inqas minn nofs metru mid-daħla għall-garaxxijiet tal-viċin.

5.5.4. Saret proposta wkoll sabiex Triq il-Pitirros issir *one-way* bi dħul minn Triq Ġuże' Flores biss, peress li l-wisa' tat-triq ma jippermettix ipparkjar fuq iż-żewġ naħat u traffiku għaddej f'direzzjonijiet opposti.

5.5.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li din il-proposta għandha tiġi kkunsidrata fil-kuntest kollu taż-żona, partikularment l-possibiltà li ssir żona pedonali fi Triq Ġużè Flores bejn Triq Pietru Pawl Caruana u Triq Toni Pace.

**5.6.1. Sparatura fuq il-plattini** **(S/6/Vol VI)**

5.6.2. Is-Sindku D. Vella aċċenna għal imejl datata 31 ta' Jannar 2022 fejn l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Mellieħa appellaw sabiex il-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni ta sparatura ġewwa l-aħrax fis-6 jew fis-27 ta' Marzu 2022.

5.6.3. Il-Kunsill innota li l-attività ssir possibilment fis-6 ta' Marzu, minħabba l-Elezzjoni Ġenerali, filwaqt li laqa' it-talba, sakemm l-involviment tiegħu ma jeċċedix €250.

**5.7.1. Dħul Ta' ilma f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa** **(P/2/1)**

5.7.2. Issemmiet laqgħa li saret fis-26 ta' Jannar, 2022 b'rabta mal-problema tad-dħul tal-ilma tax-xita fil-faċilità msemmija. Wara l-istess laqgħa CareMalta Ltd bgħatu imejl fit-18 ta' Frar 2022, fejn allegaw li l-Kunsill ma onorax ftehim li permezz tiegħu l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa kellu jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa. Dan irriżulta fi ħsarat estensivi matul din ix-xitwa sal-punt li ż-żona kellha titbattal sal-lum għal raġunijiet ta' saħħa u sigurtà għad-detriment tal-propjetà, u s-servizzi offruti minn CareMalta Ltd, filwaqt li niżżel l-istatus ta' okkupanza tal-AACCs.

5.7.3. CareMalta qed tissuġġerixxi pjan ta' xogħlijiet skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-perit tal-kumpanija biex jiġi żgurat li ż-żona tkun sikura, liema pjan jinkludi:

- Tneħħija tat-teatru Ġrieġ, madum, qsari u ħamrija;
- Tneħħija tat-torba biex tinkixef il-*membrane* eżistenti;
- Tiswija jew bdil ta' katusi u spralli skont il-ħtieġa;
- Tiġi spezzjonata l-*membrane* u ssir tiswija jew bdil skont il-ħtieġa;
- Terġa' tingħata t-torba u jingħata l-konkos C25 bil-fibre u xibka bħala kontrabejt bil-ġonot għall-espansjoni biex jiġu kkontrollati x-xquq li jistgħu jiffurmaw fih; u
- Ix-xogħlijiet kollha jsiru permezz ta' krejn mill-parkeġġ tal-kumpless, jew minn Triq Vincenzo Ciappara.

5.7.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li CareMalta lesta li tagħmel dawn ix-xogħlijiet sakemm il-kunsill jikkontrolla l-aċċess għaż-żona minħabba s-saħħa u s-sigurtà ta' persuni li jkunu fil-bitħa quddiem il-kumpless, kif ukoll biex tiġi evitata ħsara u vandaliżmu. Il-kumpanija qed titlob ukoll li l-Kunsill għandu jagħmel manutenzjoni kull sena sabiex tiġi evitata l-istess sitwazzjoni.

5.7.5. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa għamel riċerki fir-*records* tal-Kunsill u ma rriżultax li kien hemm xi ftehm dwar il-manutenzjoni tal-parti tal-ġnien li tiġi fuq il-proprjetà ta' CareMalta Ltd. La darba saret referenza għal ftehim, il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lill-CareMalta Ltd sabiex tgħaddi kopja tiegħu.

5.7.6. Fin nuqqas ta' xi ftehim bil-kitba li seta' kien sar, il-Kunsill qabel unanimament illi ma jsibx oġġezzjoni li jittieħdu l-miżuri korrettivi msemmija minn naħa ta' CareMalta Ltd, bil-kundizzjoni li:

(a) L-parti fejn hemm it-teatru Ġrieġ għandha tibqa' aċċessibbli għall-pubbliku;

(b) L-istruttura eżistenti tat-teatru Ġrieġ tista' titneħħa sakemm din tiġi mibdula b'waħda inqas tqila magħmula minn *frame* tal-ħadid, bil-għan li l-post ikun jista' jibqgħa jintuża għall-istess skop;

(c) Is-sigurtà fil-bitħa ta' Dar il-Madonna tal-Mellieħa fis-sezzjoni msejħa *"Orange Grove"* tista' tiġi mtejba billi, il-Kunsill jgħolli l-livell tal-*wire netting* eżistenti; u

(d) Il-Kunsill mhux lest li jidħol responsabbli għal kwalunkwe danni passati u futuri kkawżati fil-binja *"Orange Grove",* abbażi li fiha kellhom, jew għandhom jittieħdu miżuri preventivi biex jiġi evitat dan.

### 5.8.1. Użu ta' isem il-lokalità għal tim tal-cricket (K/2/10)

5.8.2. Saret referenza għal imejl datat 2 ta' Frar 2022, mibgħut mill-Malta Cricket Association, fejn appellaw lill-Kunsill sabiex jagħti permess għall-użu tal-kelma "Mellieħa" b'żieda ma' l-isem tas-Super Kings Cricket Club.

5.8.3. Il-Kunsill qabel li għandha tintalab kopja tal-istatut, kif ukoll iċ-ċertifikat maħruġ mill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji.

### 5.9.1. *Mobile app* għall-promozzjoni ta' postijiet ta' interess fil-Lokalità tal-Mellieħa (P/10/38)

5.8.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg irrefera għall-kuntratt iffirmat mal-kumpanija Webee Ltd u qal li tħejjiet skeda sabiex isir iffilmjar fit-tlettax-il sit indikat fil-kuntratt.

5.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.10.1. *Earth Hour* 60+ (K/11)

5.10.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li permezz ta' ċirkulari AKL 2022/015 datata 18 ta' Jannar 2022, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għarrfet li l-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u L-Ippjannar qiegħed iħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali sabiex jingħaqdu ma' pajjiżi oħra madwar id-dinja biex jiċċelebra l-attivita' tal-*Earth Hour 60+*. Fuq il-livell internazzjonali dan l-avveniment tikkordinaħ il-WWF bil-għan li tittieħed azzjoni għall-problemi ambjentali. Bħala ġest simboliku, din l-okkażjoni tiġi mfakkra bit-tifi ta' dwal bejn it-20:30 u d-21:30 ta' monumenti, bini amministrattiv u żoni pubbliċi oħra. L-avveniment ħa jiġi ċċelebrat nhar is-Sibt 27 ta' Marzu 2021.

5.10.3. Il-Kunsill osserva li dan l-avveniment jista' jiġi affettwat mill-Elezzjoni Ġenerali.

### 5.11.1. Arranġamenti tat-traffiku fil-Manikata (T/3/2/Vol XVI)

5.11.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal sinjali STOP li saru fi Triq il-Mejjiesa, kantuniera ma' Trejqet il-Ħarrub, li permezz tagħhom ingħatat id-dritta lit-traffiku li jkun tielgħa. Kompliet tgħid li residenta li għandha garaxx fi Triq il-Mejjiesa lmentat magħha li qed issibha diffiċli tidħol u toħroġ bi traffiku kontinwu għaddej b'veloċità qawwija.

5.11.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-ilment mhuwiex ġustifikat, peress li l-garaxxijiet li hemm faċċata ta' Trejqet il-Ħarrub kollha għandhom *front garden* fejn jistgħu jistennew mingħajr ma jokkupaw il-karreġġjata.

### 5.12.1. Għotja ta' *automatic external defibrillator* (R/5)

5.12.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal korrispondenza datata 27 ta' Jannar 2022, fejn ir-Reġjun Tramuntana għarraf li ser jagħmel it-tieni għotja lill-Kunsill tal-apparat imsemmi.

5.12.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba għat-tagħmir imsemmi sabiex jitpoġġ fil-Park tal-Familja.

### 5.13.1. Servizz ta' tiswija *(neutering)* tal-qtates (A/5/3/Vol XII)(A/9)

5.13.2. Il-Kunsillier M. Abela aċċenna li f'kuntatt li huwa kellu mal-voluntieri li jieħdu ħsieb il-qtates, huwa ġie mgħarraf li attwalment jeżistu 803 qattus li 700 ġew imsewwija permezz ta' finanzjament da parti tal-Kunsill. Sabiex jiġu trattati l-kumplament, huwa ppropona li jittieħdu l-€2,000 li kienu ġew ivvutati (3370) għall-Animal Fest sabiex jintużaw għal dan il-għan u jmorru taħt il-vot 3380.

5.13.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkummenta li r-Reġjun Tramuntana ser jalloka fondi għal dan il-għan permezz ta' skema li ħa tkun miftuħa għall-Kunsilli Lokali msieħba fiħ. Huwa ppropona li l-Kunsill jibda jħares lejn l-introduzzjoni ta' *cat cafes, kennels,* eċċ.

5.13.4. Is-Sur M. Abela qal li huwa jaqbel perfettament mal-proposta skont il-minuta 5.9.3., iżda f'dan l-istadju għandha tingħata prijorità lit-tiswija, sabiex jiġi żgurat li ma jiżdiedx in-numru ta' qtates mhux trattati.

5.13.5. F'dan l-istadju, il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 5.9.4. u għaldaqstant approva t-trasferiment ta' €1,000 minn vot 3370 għall-vot 3380. Kien hemm qbil ukoll li għandha ssir applikazzjoni taħt l-iskema intiża għall-benesseri tal-annimali, li nieda r-Reġjun Tramuntana.

### 6.1. L-Istqarrijiet Finanzjarji tal-Kunsill 2021 (F/1/2/Vol IX)

6.2. Attenda għal din il-parti tas-seduta l-*accountant* is-Sur D. Galea sabiex jispjega l-*financial statements* imsemmija, li kopja tagħhom ġiet imqassma lill-kunsillieri qabel is-seduta. Ġie spjegat li l-i*Statement of Comprehensive Income* għall-2021 juri li kien hemm dħul rikorrenti ta' €1,419,056 kontra nefqa rikorrenti ta' €1,310,152 biex b'hekk is-sena spiċċat b'bilanċ pożittiv ta' €108,904.

6.3. Is-Sur D. Galea kompla jispjega li d-dħul mill-Gvern Ċentrali ammonta għal €1,362,599 u kien imqassam hekk:

| | |
|---|---|
| Allokazzjoni Annwali | €1,248,638 |
| Allokazzjoni Supplimentari | €5,257 |
| Proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea | - |
| Dħul Ieħor mill-Gvern | €83,171 |

6.4. Kien hemm dħul ta' €14,239 marbut ma' attivitajiet fil-beraħ, korsijiet, użu ta' faċilitajiet, permessi għat-tqegħid ta' *skips* eċċ. Kien hemm dħul ieħor mis-Sistema tal-Infurzar Lokali ta' €7,561, kif ukoll ieħor ta' natura ġenerali li ammonta għal €60,190, li kien ġej minn kontribuzzjonijiet li rċieva l-Kunsill, bejgħ ta' kotba, kirjiet, ħruġ ta' permessi eċċ. Irriżulta li kien hemm żieda ta' 4.3% fuq tas-sena preċedenti.

6.5. In-nefqa fuq il-pagi tal-impjegati, flimkien mal-onorarja u l-*allowances* tal-membri eletti laħqet €218,819, u fil-fatt kibret bi 4.3% minħabba żidiet statutorji li kien hemm f'dan ir-rigward.

6.6. In-nefqa fuq l-Operat u l-Manutenzjoni ammontat għal €602,410 - tnaqqis ta' 3.32% fl-ispiża tas-sena ta' qabel. Is-Sur Galea spjega li n-Nefqa fuq l-Amministrazzjoni, li tinkludi d-deprezzament fuq l-assi permanenti ammontat għal €488,843 u allura kien hemm tnaqqis ta' 5.5% fuq tas-sena preċedenti. Dan primarjament irriżulta mis-sospensjoni ta' attivitajiet kulturali minħabba l-pandemija Covid-19. L-ispiża fuq Spejjeż Kuntrattwali telgħet għal €533,305 – żieda ta' 9% fuq l-2020.

6.7. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg staqsa dwar differenza sinifikanti fin-nefqa dwar Servizzi Informattivi (2020: €3,681 / 2021: €15,305). Is-Sur D. Galea wieġeb li dan kien ikkawżat minn disponiment ta' kotba stokkjati, skont riżoluzzjoni li għadda l-Kunsill aktar qabel.

6.8. Is-Sur D. Galea spjega li sal-aħħar tal-2020, il-Kunsill kien fadallu jdaħħal €146,346, li €112,516 minnhom huma meqjusa bħala *doubtful debts*, u jikkonsistu minn ċitazzjoni antiki mhux imħallsa.

6.9. Sal-aħħar tal-2021, id-*Deferred Income* laħħaq €20,374, li kien jikkonsisti f'somma li ġiet mgħoddija lill-Kunsill b'rabta mal-*Green Infrastructure Project* kofinanzjat minn fondi Ewropej.

6.10. L-assi permanenti li ġew kapitalizzati fl-2021 kienu jiswew €60,975, li jikkonsistu f'tagħmir tal-*outdoor gym* installat fil-Park tal-Familja, tagħmir tal-baseball u n-netball, u bini mill-ġdid ta' ħajt tas-sejjieħ fit-Telgħa ta' Selmun. Ġie spjegat li sa Diċembru 2021, il-Kunsill kien akkwista assi permanenti li fit-totalità tagħhom għandhom valur inizjali li jammonta €10,402,047, iżda li l-valur attwali nett tagħhom huwa €2,071,514.

6.11. Kien hemm ukoll €833,653 x'jitħallsu lill-krredituri tal-Kunsill. Sar aċċenn li fl-aħħar tas-sena, il-Kunsill kellu bilanċ biżżejjed fil-banek biex jagħmel tajjeb għal dan id-dejn, peress li l-flus f'kontijiet bankarji (*Cash and Cash Equivalents)* kienu jammontaw għal €1,783,263, filwaqt li kien hemm debitu dovut lill-Kunsill ta' €136,532. Kien spjegat wkoll li ġiet irreġistrata żieda ta' €524,091 fil-flus miżmuma fil-kontijiet bankarji tal-Kunsill imqabbel ma' tas-sena ta' qabel. Dan kien ikkawżat primarjament minn nuqqas ta' attivitajiet kulturali minħabba il-Covid-19. Minħabba din ir-raġuni, il-indikatur finanzjarju għalaq fil-livell ta' 88.0%, meta dak tas-sena preċedenti kien ftit iktar minn 79.5%.

6.12. Il-Kunsill approva l-istqarrijiet finanzjarji u ddeċieda li dawn għandhom jiġu mgħoddija kif ippreżentati lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

### 7.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar li tgħid:

***"Billi saret sejħa għal offerti MLC 4/2021, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi l-installazzjoni ta' sistemi ta' monitoraġġ elettroniċi fi Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, il-Park tal-Familja; u Ġnien Dun Anton Debono;***

***Billi sar rapport tekniku mill-konsulent inkarigat mill-Kunsill datat l-1 ta' Frar 2022, kif ukoll saret evalwazzjoni mill-Kumitat tal-Evalwaturi taż-żewġ offerti sottomessi, assistita minn kjarifiki, rettifikazzjonijiet u korrezzjonijiet arithmetiċi mitluba mingħand l-offerent Alberta Fire & Security Equipment Ltd, skont il-minuti tal-istess kumitat tad-9 ta' Diċembru 2021 u tas-26 ta' Jannar 2022; u***

***Billi fl-Estimi tal-Kunsill 2022 taħt il-vot 7312 ġiet ivvutata somma supplimentata minn għotja mill-LESA sabiex tkopri din l-ispiża nvoluta;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent imsemmi, li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti b'waħda miż-żewġ offerti tiegħu (163465) bi spiża ta' €127,072 inkluża l-VAT.". (C/9)***

7.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo fl-assenza tal-Kunsillier G. Micallef.

**8.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella, illi tgħid:-**

***"Billi skont il-provedimenti tal-Artiklu 56 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u skont it-Taqsima V tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Finanzi, għandhom jiġu ppreżentati l-Estimi tal-Kunsill sa l-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u***

***U billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi fis-seduti Nri. 33, 34 u 35 tal-24 ta' Novembru 2021, 21 ta'Diċembru 2021, u 17 ta' Jannar 2022, rispettivament, kif ukoll saret laqgħa tal-lokalità għar-residenti fil-11 ta' Jannar 2021, skont ma jitlob l-imsemmi Att;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2022, skont l-abbozz finali mressaq.".*** **(F/1/33)**

8.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier I. Castillo.

**9.1. Sejħa għall-offerti MLC 1/2021 – Restawr tan-Niċċa tal-Madonna fil-Marfa (P/10/37)**

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li din is-sejħa għalqet fit-8 ta' Frar 2022 u rriżulta li r-rispons għaliha kien kif jidher hawn taħt:

| **Offerta Nru.** | **Offerent** | **Prezz (VAT Eskluża)** |
|---|---|---|
| 168256 | Stefano Sferrazzo | €20,300 |
| 168254 | Eleven 22 Co. Ltd | €21,480 |

9.3. Il-Kunsill ikkonferma lis-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, u l-Kunsillier E. Bartolo wara li ġie nnutat li dawn iddikjaraw l-imparzjalità tagħhom vis-a-vis l-offerenti nvoluti.

9.4. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li s-sottomissjonijiet li saru ġew mgħoddija lill-perit konċernat għar-rapport tekniku tiegħu.

**10.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella illi tgħid:**

***"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) (L.S. 363.20) skont Regolament 19(1), jipprovdu għall-ħlas ta' performance bonus lill-impjegati tal-Kunsill; u***

***Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2021 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, filwaqt li jidher illi ngħata servizz mill-uffiċjali mpjegati mal-Kunsill matul is-sena 2021, kif deskritt fil-Performance Appraisal Report li ġie mħejji skont l-iskeda, mehmuża mal-imsemmija regolamenti;***

***Il-Kunsill jirriżolvi illi għas-Sena Finanzjarja 2021, l-impjegati eliġibbli, għandhom jitħallsu performance bonus, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa f'Diċembru 2021, skont il-perċentwali ndikati fl-istess rapporti u soġġett għall-ftehim kollettivi fis-seħħ, kif ukoll il-kunsens mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv.". (Wages)***

10.2. Is-Sindku D. Vella talab li jibqa' barra mid-diskussjoni u deċiżjoni dwar il-*performance bonus* tas-Sinjura Marvic De Bono, minħabba raġunijiet ta' parentela (kuġin). Dan kif huwa mitlub jagħmel skont l-Artiklu 20 tal-Att Dwar Gvern Lokali (Kap. 363).

10.3. Il-*performance appraisal reports* dwar l-prestazzjoni ta' kull impjegat ġew imressqa waqt is-seduta mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-seduta ġiet sospiża sabiex saret evalwazzjoni ta' kull impjegat.

10.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-impjegati kollha għandhom jitħallsu l-perċentwali massimi stabbiliti fil-liġi.

10.5. Fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv, kien hemm qbil li qabel jitħallsu l-perċentwali ndikati fil-mozzjoni, kif ukoll ssir rappreżentazzjoni mad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-porzjon li jrid jiġi kkunsidrat minnu, skont il-ftehim kollettiv iffirmat fit-18 ta' Frar 2022.

10.6. Meta tkompliet is-seduta, il-Kunsill approva l-mozzjoni mingħajr emendi, wara li din ġiet issekondata mill-Kunsillier I. Castillo.

## 11.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

11.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 17 ta' Frar 2022.

12.2. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

12.3. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn l-1 ta' Jannar u l-15 ta' Frar 2022.

12.4. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn il-15 ta' Jannar u s-17 ta' Frar 2022.

12.5. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fit-8:15 pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 19 ta' April 2022 fis-6:00 pm.

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |